



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għad-Drittijiet tan-Nisa u l-Ugwaljanza bejn is-Sessi

PE430.297v01-00

13.10.2009

EMENDI

1 - 73

Abbozz ta' mozzjoni għal riżoluzzjoni
Eva-Britt Svensson
(PE428.239v02-00)

dwar l-eliminazzjoni tal-vjolenza kontra n-nisa

AM_Com_NonLegRE-Rec

Amendement 1
Raül Romeva i Rueda

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni -1 (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Ottubru 2007 dwar l-qtil tan-nisa (femiċidju) fil-Messiku u fl-Amerika Ċentrali u l-irwol tal-Unjoni Ewropea fil-ġlieda kontra dan il-fenomenu¹,

Or. en

Emenda 2
Eva-Britt Svensson

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 1

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti legali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikulari dawk li jirrigwardaw id-drittijiet tan-nisa, bħall-Karta tan-NU, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Protokoll fakultattiv tagħha, u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u kwalunkwe Trattament jew Kastig Krudil, Inuman jew Degradanti ieħor,

wara li kkunsidra d-dispożizzjonijiet tal-istrumenti legali tan-Nazzjonijiet Uniti fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem u b'mod partikulari dawk li jirrigwardaw id-drittijiet tan-nisa, bħall-Karta tan-NU, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, il-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ċivili u Politiċi u l-Patt Internazzjonali dwar id-Drittijiet Ekonomiċi, Soċjali u Kulturali, **il-Konvenzjoni għas-Soppressjoni u l-Abolizzjoni tat-Traffikar tal-Bnedmin u l-Isfruttament tal-Prostituzzjoni tal-Oħrajn**, il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa (CEDAW) u l-Protokoll fakultattiv tagħha, u l-Konvenzjoni kontra t-Tortura u kwalunkwe Trattament jew Kastig Krudil, Inuman jew Degradanti ieħor,

¹ ĠU C 227^E, 4.9.2008, p. 140.

Emenda 3
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 8 a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni
2003/4515 tan-Nazzjonijiet Uniti¹,

Emenda 4
Barbara Matera

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Ċitazzjoni 9 a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu
tal-24 ta' Marzu 2009 dwar il-ġlieda
kontra l-mutilazzjoni ġenitali femminili
pprattikata fl-UE,

Emenda 5
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa A a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Aa. billi l-Pjattaforma ta' Beijing għall-
Azzjoni tan-NU stabbilixxiet li l-vjolenza
kontra n-nisa kienet manifestazzjoni tar-

¹ Riżoluzzjoni 2003/45 tal-Kumitat għad-Drittijiet tal-Bniedem.

relazzjonijiet tal-poter mhux ugwali storikament bejn l-irġiel u n-nisa li wasslu għal sitwazzjoni fejn l-irġiel jiddominaw in-nisa, jadottaw attitudni diskriminatorja lejhom u jxekklu l-potenzjal sħiħ tagħhom,

Or. en

Emenda 6
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa B

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

B. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra nisa ***mhix biss problema ta' saħħa pubblika iżda wkoll kwistjoni ta' inugwaljanza*** bejn in-nisa u l-irġiel, li hi qasam li fih l-UE għandha l-inkarigu li tieħu azzjoni,

Emenda

B. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra nisa ***tirrappreżenta ostaklu kbir ħafna għall-ugwaljanza*** bejn in-nisa u l-irġiel, li hi qasam li fih l-UE għandha l-inkarigu li tieħu azzjoni,

Or. es

Emenda 7
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa B a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Ba. billi l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel hija prinċipju fundamentali tal-Unjoni Ewropea, rikonossut mit-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea u mill-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea;

Or. es

Emenda 8
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa C

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

C. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tirrappreżenta ksur tad-drittijiet tal-bniedem: id-dritt għall-ħajja, id-dritt għas-sigurtà, id-dritt għad-dinjità u d-dritt għall-integrità fiżika u **mentali**,

Emenda

C. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tirrappreżenta ksur tad-drittijiet tal-bniedem: id-dritt għall-ħajja, id-dritt għas-sigurtà, id-dritt għad-dinjità u d-dritt għall-integrità fiżika u **psikoloġika**,

Or. pl

Emenda 9
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa C

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

C. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tirrappreżenta ksur tad-drittijiet tal-bniedem: id-dritt għall-ħajja, id-dritt għas-sigurtà, id-dritt għad-dinjità **u** d-dritt għall-integrità fiżika u mentali,

Emenda

billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tirrappreżenta ksur tad-drittijiet tal-bniedem: id-dritt għall-ħajja, id-dritt għas-sigurtà, id-dritt għad-dinjità, d-dritt għall-integrità fiżika u mentali, **kif ukoll id-dritt tal-għażla u għas-saħħa sesswali u riproduttiva;**

Or. en

Emenda 10
Sylvie Guillaume, Marc Tarabella

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa C

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

C. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tirrappreżenta ksur tad-drittijiet tal-bniedem: id-dritt għall-ħajja, id-dritt għas-

Emenda

C. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tirrappreżenta ksur tad-drittijiet tal-bniedem: id-dritt għall-ħajja, id-dritt għas-

sigurtà, id-dritt għad-dinjità **u** d-dritt għall-integrità fiżika u mentali,

sigurtà, id-dritt għad-dinjità, d-dritt għall-integrità fiżika u mentali, ***kif ukoll id-dritt għas-saħħa sesswali u riproduttiva;***

Or. fr

Emenda 11
Antonia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa D

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

D. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tostakola l-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet soċjali u fis-suq tax-xogħol, u tista' twassal għal marġinalizzazzjoni u faqar għan-nisa,

Emenda

D. billi l-vjolenza tal-irġiel kontra n-nisa tostakola l-parteċipazzjoni tan-nisa f'attivitajiet soċjali, ***fil-ħajja politika, fil-ħajja pubblika*** u fis-suq tax-xogħol, u tista' twassal għal marġinalizzazzjoni u faqar għan-nisa,

Or. en

Emenda 12
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa D a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Da. billi l-vjolenza kontra n-nisa fil-forom estremi tagħha tasal sal-qtil ta' nisa mill-awturi ta' din il-vjolenza, iżda wkoll ħafna drabi minħabba nuqqas ta' rispons xieraq mill-entitajiet responsabbli għall-ġlieda kontra din il-vjolenza, sakemm il-vittmi jinqatlu mill-aggressuri tagħhom;

Or. pl

Emenda 13
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa D b (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Db. Billi l-vjolenza kontra n-nisa hija assoċjata mal-vjolenza kontra t-tfal u tinfluwenza l-istat psikoloġiku tagħhom u l-eżistenza tagħhom stess;

Or. pl

Emenda 14
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa E

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

E. billi l-vjolenza **domestika** kontra n-nisa hi problema strutturali u mifruxa fl-Ewropa kollha, fenomenu li jeffettwa **l-persuni** irrispettivament mill-età, livell ta' edukazzjoni, dħul finanzjarju jew pożizzjoni soċjali, u hija marbuta mad-distribuzzjoni inugwali tal-poter bejn **is-sessi** fis-soċjetà tagħna,

E. billi l-vjolenza **tal-irġiel** kontra n-nisa hi problema strutturali u mifruxa fl-Ewropa **u fid-dinja** kollha, fenomenu li jeffettwa **l-vittmi kif ukoll lill-aggressuri**, irrispettivament mill-età, livell ta' edukazzjoni, dħul finanzjarju jew pożizzjoni soċjali, u hija marbuta mad-distribuzzjoni inugwali tal-poter bejn **in-nisa u l-irġiel** fis-soċjetà tagħna,

Or. en

Emenda 15
Lívia Járóka

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa F

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

F. billi t-tipi ta' vjolenza kontra n-nisa jvarjaw f'kulturi u tradizzjonijiet differenti,

F. billi t-tipi ta' vjolenza kontra n-nisa jvarjaw f'kulturi u tradizzjonijiet differenti,

u billi l-mutilazzjoni ġenitali femminili, 'l
hekk imsejħa delitti għall-unur u ż-żwiġijiet
furzati huma realtà fl-UE,

u billi l-mutilazzjoni ġenitali femminili, *l-
isterilazzjoni sfurzata*, l-hekk imsejħa
delitti għall-unur u ż-żwiġijiet furzati huma
realtà fl-UE,

Or. en

Emenda 16
Eva-Britt Svensson

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa F a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

*Fa. billi sitwazzjonijiet ta' gwerra,
kunflitti armati, rikostruzzjoni wara l-
kunflitt, kriżijiet ekonomika, soċjali u/jew
finanzjarji, iżidu l-vulnerabilità tan-nisa,
kemm individwalment u kemm
kollettivament, għall-vjolenza maskili
fuqhom u m'għandhomx jittieħdu bħala
skużi sabiex tiġi ttollerata l-vjolenza
maskili,*

Or. en

Emenda 17
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa F a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

*Fa. billi t-traffikar tan-nisa għal skopijiet
sesswali u oħrajn huwa ksur
fundamentali tad-drittijiet tal-bniedem li
jgawdu n-nisa u jaffettwa kemm il-vittmi
bħala individwi kif ukoll lis-soċjetà kollha
kemm hi,*

Or. en

Emenda 18
Antonya Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa F b (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Fb. billi t-tolleranza murija lejn il-prostituzzjoni fl-Ewropa twassal biss biex iżżid l-għadd ta' nisa barranin li jaslu fl-UE li jiġu sfruttati għal skopijiet sesswali, kif ukoll it-turiżmu tas-sess,

Or. en

Emenda 19
Antonya Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa G

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

G. billi ma jeżisti ebda ġbir ta' data regolari u kumparabbli dwar it-tipi differenti ta' vjolenza kontra n-nisa fl-UE, u dan jagħmilha diffiċli li jiġi aċċertat id-daqs ta' dan il-fenomeni u li tinstab ***soluzzjoni adegwata*** għal din il-problema,

G. billi ma jeżisti ebda ġbir ta' data regolari u kumparabbli dwar it-tipi differenti ta' vjolenza kontra n-nisa fl-UE, u dan jagħmilha diffiċli li jiġi aċċertat id-daqs ta' dan il-fenomeni u li ***jinstabu soluzzjonijiet xierqa*** għal din il-problema,

Or. en

Emenda 20
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa G a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi n-numru ta' nisa li huma vittmi

ta' vjolenza sesswali huwa allarmanti,

Or. es

Emenda 21
Silvia Costa

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa G a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi l-immaġini tan-nisa mogħtija mill-midja - ħafna drabi mgħawġa u kummerċjali –tmur kontra l-rispett għad-dinjità tal-bniedem,

Or. it

Emenda 22
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa G a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Ga. billi, barra mid-dipendenza ekonomika (frekwenti fil-każ tan-nisa), hemm fatturi importanti li jżommu lin-nisa milli ma jirrappurtawx il-vjolenza kontra tagħhom li jinsabu fil-kultura soċjali u fl-isterjotipi li jgħidu li l-vjolenza maskili kontra n-nisa hija kwistjoni privata jew li spiss hija attribwita għan-nisa nfushom,

Or. en

Emenda 23
Philippe Juvin, Elisabeth Morin-Chartier

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa H

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

H. billi ta' sikwit in-nisa ma jirrappurtawx il-vjolenza tal-irġiel kontribom **billi sikwit ma jkollhomx biżżejjed fiduċja fil-pulizija, fis-sistema tal-qrati u fis-servizzi soċjali,**

Emenda

H. billi ta' sikwit in-nisa ma jirrappurtawx il-vjolenza tal-irġiel kontribom **għal diversi raġunijiet kumplessi, psikoloġiċi, finanzjarji, soċjali u kulturali, u xi kultant minħabba nuqqas ta' fiduċja fil-pulizija, fil-ġustizzja jew fl-għajnuna soċjali,**

Or. fr

Emenda 24
Antonia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa H

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

H. billi ta' sikwit in-nisa ma jirrappurtawx il-vjolenza tal-irġiel kontribom billi sikwit ma jkollhomx biżżejjed fiduċja fil-pulizija, fis-sistema tal-qrati u fis-servizzi soċjali,

Emenda

H. billi ta' sikwit in-nisa ma jirrappurtawx il-vjolenza tal-irġiel kontribom billi sikwit ma jkollhomx biżżejjed fiduċja **la** fil-pulizija, **u lanqas** fis-sistema tal-qrati u fis-servizzi soċjali **u mediċi,**

Or. en

Emenda 25
Sylvie Guillaume, Marc Tarabella

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa H a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Ħa. billi s-sitwazzjonijiet ta' gwerra, ta' kunflitt bl-armi, ta' rikostruzzjoni wara l-kunflitt, u ta' kriżi ekonomika, soċjali jew finanzjarja jżidu l-vulnerabilità tan-nisa

*għall-vjolenza u m'għandhom qatt
jikkostitwixxu ċirkostanza li tnaqqas il-
gravità tal-vjolenza mill-irġiel,*

Or. fr

Emenda 26
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa H a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

*Ħa. billi l-vjolenza kontra l-ommijiet
tolqot, direttament jew indirettament, u
tħalli impatt negattiv fit-tul fuq is-saħħa
emozzjonali u mentali ta' wliedhom, u
tista' toħloq ċiklu ta' vjolenza u ta' abbuż
li tibqa' għaddejja minn ġenerazzjoni
għall-oħra,*

Or. en

Emenda 27
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa H b (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

*Hb. billi s-sitwazzjonijiet ta' gwerra, ta'
kunflitt bl-armi, ta' rikostruzzjoni wara l-
kunflitt, u ta' kriżi ekonomika, soċjali
u/jew finanzjarja jżidu l-vulnerabilità tan-
nisa għall-vjolenza kontribom mill-irġiel,*

Or. en

Emenda 28
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa I

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

I. billi l-Parlament sikwit **talab** li jkun hemm Sena Ewropea għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa,

Emenda

I. billi l-Parlament sikwit **esigà** li jkun hemm Sena Ewropea għall-Eliminazzjoni **tal-Forom Kollha** tal-Vjolenza kontra n-Nisa,

Or. en

Emenda 29
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa J

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

J. billi n-NU ddikjarat il-25 ta' Novembru bħala l-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa,

Emenda

J. billi n-NU ddikjarat il-25 ta' Novembru bħala l-Jum Internazzjonali għall-Eliminazzjoni tal-Vjolenza kontra n-Nisa **u f'Diċembru 2009, fil-Parlament Ewropew, se jiġi organizzat seminar internazzjonali ddedikat għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa,**

Or. pl

Emenda 30
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Premessa J a (ġdida)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Ja. billi hemm ħtieġa dejjem tikber li jiġi introdott strument ġuridiku globali għall-ġlieda kontra l-forom kollha tal-vjolenza fuq in-nisa fl-Ewropa, inkluż it-traffiku

Emenda 31
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex *itejbu* l-liġijiet *u l-politiki* nazzjonali *dwar il-vjolenza kontra n-nisa, u b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali komprensivi dwar il-vjolenza kontra n-nisa;*

Emenda

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex *jirrevedu* l-liġijiet nazzjonali *tagħhom u sabiex idaħħlu strateġiji politiċi għall-għlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa li jkunu konformi mal-istandards internazzjonali u mal-għarfien attwali f'dan il-qasam, u b'mod partikolari sabiex:*

- jadottaw liġijiet ibbażati fuq il-prinċipju li l-vjolenza fuq in-nisa, speċjalment il-vjolenza fil-familji u fir-relazzjonijiet l-aktar informali, hija ksur tad-drittijiet tal-bniedem u tgħin biex tinholq inugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fi ħdan is-soċjetà u l-familja;

- jadottaw dispożizzjonijiet ibbażati fuq il-prinċipju li l-vjolenza fuq in-nisa, speċjalment il-vjolenza fil-familji u fir-relazzjonijiet l-aktar informali, hija reat li jitlob prosekuzzjoni awtomatika u li, sabiex il-vittma titħares mill-vjolenza, jeħtieġ li jiġu introdotti dispożizzjonijiet li effettivament jagħmlu żgur li min wettaq ir-reat jinżamm 'il bogħod mill-post fejn ikun għex mal-vittma, ma jitħalliex jersaq lejha u sabiex jiġu rregolati l-kwistjonijiet tal-kuntatti tiegħu mal-ulied minorenni;

- jadottaw dispożizzjonijiet u politika penali li jiġġieldu 'l min iwettaq vjolenza kontra n-nisa, u għall-prevenzjoni ta' din il-vjolenza, li jippermettu li jittieħdu miżuri proattivi u li l-uffiċjali tal-aġenziji li l-mandat tagħhom jinkludi l-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-

għlieda kontriha, jinżammu responsabbli tan-nuqqasijiet tagħhom;

- jadottaw dispożizzjonijiet u politika penali li jiġġieldu 'l min iwettaq vjolenza kontra n-nisa, u għall-prevenzjoni ta' din il-vjolenza, li jippermettu li jittieħdu miżuri proattivi u li l-uffiċjali tal-aġenziji li l-mandat tagħhom jinkludi l-prevenzjoni tal-vjolenza fuq in-nisa u l-għlieda kontriha, jinżammu responsabbli tan-nuqqasijiet tagħhom;

- jadottaw dispożizzjonijiet u politika penali li jqisu – fil-mument tad-deċiżjoni tal-ħtija u tal-piena ta' min ikun wettaq il-vjolenza jew il-qtil, kif ukoll meta titressaq talba għal-libertà proviżorja antiċipata – kwalunkwe passat ta' vjolenza kontra n-nisa u t-tfal fil-familja, u ċ-ċirkustanzi marbuta magħhom;

- joħlqu programmi nazzjonali koerenti u li jikkomplimentaw lil xulxin, li għandhom l-għan li jiġġieldu l-forom kollha tal-vjolenza;

- jassenjaw il-mezzi finanzjarji xierqa fil-baġits nazzjonali li jiżguraw li dawn l-għanijiet jintlaħqu;

Or. pl

Emenda 32
Antonia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex itejbu l-liġijiet u l-politiki nazzjonali dwar **il-vjolenza** kontra n-nisa, u b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali komprensivi dwar il-vjolenza kontra n-nisa;

Emenda

1. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex itejbu l-liġijiet u l-politiki nazzjonali dwar **il-forom kollha tal-vjolenza** kontra n-nisa, u b'mod partikolari permezz tal-iżvilupp ta' pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali komprensivi dwar il-vjolenza kontra n-nisa **bbażati fuq analiżi tal-implikazzjonijiet fuq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa tal-vjolenza fuq in-nisa, u fuq l-obbligi tat-**

*trattati internazzjonali tal-Istati Membri li
jeliminaw kull forma ta' diskriminazzjoni
kontra n-nisa, u sabiex fihom ikun hemm
miżuri konkreti għall-prevenzjoni tal-
vjolenza mill-irġiel, għall-ħarsien tal-
vittmi u għall-prosekuzzjoni ta' dawk li
jwettqu r-reati;*

Or. en

Emenda 33
Barbara Matera

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

*1a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex,
permezz ta' programmi u finanzjamenti
nazzjonali ad hoc, jgħinu lill-
organizzazzjonijiet u l-assoċjazzjonijiet
volontarji li jilqgħu u jagħtu għajjnuna
psikoloġika lin-nisa vittmi tal-vjolenza, l-
aktar bil-għan li jgħinuhom jerġgħu
jidħlu fis-suq tax-xogħol u sabiex ikunu
jistgħu jerġgħu jiksbu d-dinjità sħiħa
tagħhom ta' "persuni",*

Or. it

Emenda 34
Sylvie Guillaume, Marc Tarabella

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex
tissottometti lill-Kunsill pjan tal-politika
tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa li
jkun aktar koerenti, kif mistqarr fil-Pjan
Direzzjonali tal-KE għall-Ugwaljanza bejn
in-nisa u l-irġiel;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex
tissottometti lill-Kunsill pjan tal-politika
tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa li
jkun aktar koerenti, kif mistqarr fil-Pjan
Direzzjonali tal-KE għall-Ugwaljanza bejn
in-nisa u l-irġiel, **li jkun fih miżuri
konkreti għall-prevenzjoni tal-forom**

kollha tal-vjolenza, għall-ħarsien tal-vittmi u għall-prosekuzzjoni ta' min ikun wettaq il-vjolenza;

Or. fr

Emenda 35
Antonia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti lill-Kunsill pjan tal-politika tal-UE dwar **il-vjolenza** kontra n-nisa li jkun aktar koerenti, kif mistqarr fil-Pjan Direzzjonali tal-KE għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

Emenda

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti lill-Kunsill pjan tal-politika tal-UE dwar **il-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza** kontra n-nisa li jkun aktar koerenti, kif mistqarr fil-Pjan Direzzjonali tal-KE għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel **li jkun jinkludi miżuri konkreti biex tiġi evitata vjolenza mill-irġiel, jiproteġu l-vittmi u jittieħdu passi legali kontra l-awturi tad-delitti, sabiex issir analiżi tar-riperkussjonijiet fuq l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa li jirriżultaw fl-oqsma kollha tal-politiki u sabiex jiżgura li l-istituzzjonijiet u l-Istati Membri tal-Unjoni jwieġbu b'mod koordinat, impenjat u koerenti għall-ħtieġa tal-eradikazzjoni ta' din il-vjolenza.**

Or. en

Emenda 36
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti lill-Kunsill pjan tal-politika

Emenda

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tissottometti lill-Kunsill **u lill-Parlament**

tal-UE dwar il-vjolenza kontra n-nisa li jkun **aktar koerenti**, kif mistqarr fil-Pjan Direzzjonali tal-KE għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel;

pjan tal-politika tal-UE **distint u koerenti** dwar il-vjolenza kontra n-nisa li jkun kif mistqarr fil-Pjan Direzzjonali tal-KE għall-Ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u **sabiex fil-programm ta' azzjoni dwar l-ugwaljanza bejn l-irġiel u n-nisa għas-snin 2011 sa 2016 jagħti kunsiderazzjoni għal attivitajiet marbutin mal-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa,**

Or. pl

Emenda 37
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 2a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

2a. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tikkunsidra miżuri ġodda għall-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa;

Or. es

Emenda 38
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara Sena Ewropea **dwar il-Vjolenza** kontra n-Nisa, kif talab b'mod ripetut il-Parlament;

3. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tiddikjara Sena Ewropea **għall-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza** kontra n-nisa, kif talab b'mod ripetut il-Parlament;

Or. en

Emenda 39
Barbara Matera

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena torganizza “round table” ta’ livell għoli sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra n-nisa;

Emenda

imħassar

Or. en

Emenda 40
Eva-Britt Svensson

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex *kull sena torganizza “round table” ta’ livell għoli sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra n-nisa;*

Emenda

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex torganizza *konferenza speċjali ta’ livell għoli magħmula mir-rappreżentanti tal-organi politiċi, tas-soċjetà ċivili, tal-organizzazzjonijiet soċjali u istituzzjonali li jkollha bħala għan li tikkontribwixxi għal proċess ta’ żvilupp ta’ politiki aktar koerenti għall-ġlieda kontra l-vjolenza kontra n-nisa;*

Or. en

Emenda 41
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena torganizza “round table” ta’ livell

Emenda

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena torganizza “round table” ta’ livell

għoli sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra n-nisa;

għoli sabiex tiġi indirizzata l-vjolenza kontra n-nisa ***bil-parteciċipazzjoni ta' organizzazzjonijiet mhux governattivi impenjati fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u d-diskriminazzjonijiet ibbażati fuq is-sess;***

Or. pl

Emenda 42
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena torganizza “round table” ta' livell għoli sabiex tiġi indirizzata ***l-vjolenza*** kontra n-nisa;

Emenda

4. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex kull sena torganizza “round table” ta' livell għoli sabiex tiġi indirizzata ***kull forma ta' vjolenza*** kontra n-nisa;

Or. en

Emenda 43
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

4a. Jitlob lill-Unjoni Ewropea sabiex tigarantixxi d-dritt għall-ghajjnuna u l-appoġġ għall-vittmi kollha tal-vjolenza, u b'mod partikulari tat-traffikar tal-bnedmin, ikunu ta' liema nazzjonalità jkunu, u sabiex tiżgura l-protezzjoni tan-nisa vittmi ta' vjolenza domestika li l-istejtus legali tagħhom ikun jista' jiddependi mis-sieħeb tagħhom;

Or. en

Emenda 44
Antonia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4c (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

4c. Jistieden lill-Unjoni Ewropea sabiex timplimenta mekkaniżi sabiex jiżguraw li l-analiżi tat-traffikar tal-bnedmin fid-dimensjoni raġel-mara tagħha tiġi integrata fil-politiki kollha maħsuba sabiex jipprevjenu u jiġġieldu kontra din il-prattika, u sabiex jindirizzaw il-kawżi primarji tal-vjolenza billi jittieħdu miżuri preventivi bħalma huma sanzjonijiet, attivitajiet ta' taħriġ u kampanji ta' sensibilizzazzjoni;

Or. en

Emenda 45
Sylvie Guillaume, Marc Tarabella

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

5a. Jitlob lill-Istati Membri u lill-Kummissjoni sabiex jiggwarantixxu l-aċċess effettiv tan-nisa vittmi ta' vjolenza, ikunu ta' liema nazzjonalità jkunu, għal għajjnuna legali u għall-protezzjoni u l-mezz ta' parteċipazzjoni fl-inkjesti magħmula mill-awtoritajiet tal-pulizija;

Or. fr

Emenda 46
Sylvie Guillaume, Marc Tarabella

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5c (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

5c. Jinsisti sabiex l-Istati Membri u l-Kummissjoni jibdew azzjonijiet li jindirizzaw il-kawżi tal-vjolenza kontra n-nisa, b'mod partikulari azzjonijiet ta' prevenzjoni u kampanji ta' sensibilizzazzjoni dwar il-forom differenti ta' vjolenza kontra n-nisa; rigward dan, iqis li huwa essenzjali li jiġi previst għan-nisa migranti dritt għal permess ta' residenza fit-territorju tal-Unjoni Ewropea, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi tal-familja tagħhom, u b'hekk ikunu jistgħu jiddefendu ruħhom aħjar kontra min jippersegwitahom;

Or. fr

Emenda 47
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

5a. Iħeġġeġ lill-Kunsill u lill-Kummissjoni sabiex joħlqu bażi legali ċara għall-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa, inkluż it-traffikar ta' persuni bojod;

Or. es

Emenda 48
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

5a. Jistieden lill-Kummissjoni biex tapprova x-xogħol preparatorju għad-direttiva komprensiva dwar il-ġlieda kontra kull forma ta' vjolenza kontra n-nisa;

Or. pl

Emenda 49
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jistieden lill-Istati Membri sabiex **jiżviluppaw programmi** ta' kuxjenza u informazzjoni pubblika dwar il-vjolenza domestika u **biex inaqqsu** l-isterjotipar soċjali tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà permezz tal-edukazzjoni u tal-midja;

6. Jistieden lill-Istati Membri **u lill-Kummissjoni sabiex jieħdu azzjoni koordinata li tinkludi kampanji** ta' kuxjenza u informazzjoni pubblika dwar il-vjolenza domestika u **strateġiji sabiex jibdlu** l-isterjotipar soċjali tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà permezz tal-edukazzjoni u tal-midja **u sabiex jinkuraġġixxu l-iskambju ta' prattiki tajbin;**

Or. es

Emenda 50
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

6. Jistieden lill-Istati Membri sabiex

6. Jistieden lill-Istati Membri sabiex

jiżviluppaw programmi ta' kuxjenza u informazzjoni **pubblika** dwar il-vjolenza domestika u **biex inaqqsu** l-isterjotipar **soċjali** tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà **permezz tal-edukazzjoni u tal-midja**;

jiżviluppaw programmi ta' **taġlim u** kuxjenza u informazzjoni **li kapaċi twassal l-għarfien ġenerali** dwar il-vjolenza domestika **u sabiex jeliminaw** l-isterjotipar **diskriminatorju** tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà **u fil-familja u dwar il-vjolenza fuq in-nisa**;

Or. pl

Emenda 51
Antonyia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

6. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw programmi ta' kuxjenza u informazzjoni pubblika dwar il-vjolenza **domestika u biex inaqqsu** l-isterjotipar soċjali tal-pożizzjoni tan-nisa fis-soċjetà permezz tal-edukazzjoni u tal-midja;

Emenda

6. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jiżviluppaw programmi ta' kuxjenza u informazzjoni pubblika dwar **il-forom kollha** l-vjolenza fuq in-nisa **u jisħqu biex jeliminaw** l-isterjotipar soċjali tal-pożizzjoni **u r-rappreentazzjoni** tan-nisa fis-soċjetà permezz tal-edukazzjoni u tal-midja;

Or. en

Emenda 52
Raül Romeva i Rueda

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri sabiex jitrattaw fil-livell internazzjonali l-kwistjonijiet li jirrigwardaw il-vjolenza fuq in-nisa u d-dimensjoni raġel-mara fil-ksur tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikulari fil-kunetst tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u Ftehimiet Kummerċjali Internazzjonali bilaterali fis-seħħ jew f'dawk li qed jiġu

neġużjati;

Or. en

Emenda 53
Raül Romeva i Rueda

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

6c. Jiddeplora f'dan il-kuntest in-nuqqas ta' dimensjoni sinifikattiva raġel-mara fl-Evalwazzjonijiet ta' Impatt li jridu jsiru rigward l-iżvilupp sostenibbli qabel ma jiġu konklużi dawn il-ftehimiet - wisq anqas fil-kwistjoni tal-vjolenza sesswali - u ta' serje ta' strumenti li jippermettu li jiġi analizzat l-impatt fil-livell ta' ugwaljanza bejn irġiel u nisa - u jistieden lill-Kummissjoni biex tressaq kemm jista' jkun malajr proposta biex isolvi din il-problema;

Or. en

Emenda 54
Raül Romeva i Rueda

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6c (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

6c. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tindirizza d-dimensjoni internazzjonali tal-vjolenza kontra n-nisa fil-kuntest tax-ħidma tagħha dwar ir-Responsabbiltà Soċjali tal-Intrapriżi, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-intrapriżi Ewropej li joperaw fiż-żoni ta' proċessar għall-esportazzjoni;

Emenda 55
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

6a. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jikkunsidraw kif jixraq iċ-*sirkustanzi speċifiċi ta' ċerti kategoriji ta' nisa li huma vulnerabbli b'mod speċjali għall-vjolenza, bħal nisa minn minoritajiet, nisa immigranti, nisa refuġjati, nisa li jgħixu fi stat ta' faqar f'komunitajiet rurali u iżolati, nisa f'istituzzjonijiet jew f'detenzjoni, bniet, nisa lesbjani, nisa b'diżabilitajiet u nisa anzjani,*

Or. es

Emenda 56
Barbara Matera

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

6a Jitlob lill-Istati Membri sabiex isaħħu l-azzjonijiet tagħhom ta' prevenzjoni ta' vjolenza kontra n-nisa fost iż-*żgħażaġh, permezz ta' intevenzjonijiet immirati għall-qasam tal-edukazzjoni u għal kollaborazzjoni aħjar fost l-atturi u l-ambjenti differenti konċernati minn dan il-fenomenu, bħall-familja, l-iskola, l-isfera pubblika u l-midja;*

Or. it

Emenda 57
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal rizzoluzzjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' proposta għal rizzoluzzjoni

7. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ għal dawk kollha li jaħdmu ma' vittmi femminili ta' vjolenza, inklużi s-servizzi tal-pulizija u dawk soċjali u legali;

Emenda

7. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ għal dawk kollha li jaħdmu ma' vittmi femminili ta' vjolenza, inklużi ***l-aktar*** is-servizzi tal-pulizija, ***tal-ġustizzja*** u dawk soċjali u legali, ***l-istituzzjonijiet tas-suq tax-xogħol, min iħaddem u l-junjins professjonali***;

Or. pl

Emenda 58
Antonia Parvanova

Abbozz ta' proposta għal rizzoluzzjoni
Paragrafu 7

Abbozz ta' proposta għal rizzoluzzjoni

7. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ għal dawk kollha li jaħdmu ma' vittmi femminili ta' vjolenza, ***inklużi s-servizzi tal-pulizija u dawk soċjali u legali***;

Emenda

7. Jenfasizza l-importanza tat-taħriġ għal dawk kollha li jaħdmu ma' vittmi femminili ta' vjolenza ***maskili, b'mod partikolari r-rappreżentanti tal-ġustizzja u tas-servizzi ta' nfurzar tal-liġi, tal-pulizija, ħaddiema soċjali, servizzi medikali u tal-ġudikatura***;

Or. en

Emenda 59
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal risoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal risoluzzjoni

Emenda

7a. Jeżiġi li jitwaqqfu mekkaniżmi xierqa biex jiffaċilitaw l-aċċess tan-nisa vittmi ta' vjolenza sesswali u tan-netwerks tat-traffikar tal-bnedmin għal għajnuna legali bla ħlas li tippermettilhom li jiġi rikonoxxuti d-drittijiet tagħhom fl-Unjoni Ewropea kollha kemm hi; jinsisti fuq il-bżonn li jittejbuil-kollaborazzjoni bejn professjonisti tal-ġustizzja u l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni u l-vjolenza sesswali, u li tiġi mobilizzata l-midja biex jixxejnu l-ostakoli għar-rikonoxximent ta' atti legali f'Istati Membri oħrajn, inklużi sentenzi mogħtija għal vjolenza sesswali u garanziji imposti fuq min ikun wettaq irreat;

Or. es

Emenda 60
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal risoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal risoluzzjoni

Emenda

7c Jilqa' b'sodisfazzjon il-ħolqien f'ċerti Stati Membri ta' tribunali kompetenti rigward vjolenza kontra n-nisa u jistieden lill-Istati Membri kollha sabiex isegwu din l-inizjattiva;

Or. es

Emenda 61
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7c (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

7c. Jitlob li fis-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Kondotti (ECRIS) jingħata rwol prominenti għal preċedenti ta' vjolenza sesswali;

Or. es

Emenda 62
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex **jaqblu dwar bażi komuni** għall-ġbir ta' statistiki tal-vjolenza kontra n-nisa b'koperazzjoni mill-qrib mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex tinġabar data kumparabbli fl-UE kollha kemm hi dwar il-vjolenza kontra n-nisa;

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex joħlqu **sistema koerenti** għall-ġbir ta' statistiki tal-vjolenza kontra n-nisa, **u b'mod partikulari rigward qtil bi sfond ta' vjolenza domestika u bejn qraha**, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi, sabiex **tkun tista' tintuża** data kumparabbli fl-UE kollha kemm hi dwar il-vjolenza kontra n-nisa;

Or. pl

Emenda 63
Silvia Costa

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jaqblu

8. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jaqblu

PE430.297v01-00

30/35

AM\793026MT.doc

dwar bażi komuni għall-ġbir ta' statistiki tal-vjolenza kontra n-nisa b'koperazzjoni mill-qrib mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex tinġabar data kumparabbli fl-UE kollha kemm hi dwar il-vjolenza kontra n-nisa;

dwar bażi komuni għall-ġbir ta' statistiki tal-vjolenza kontra n-nisa, **hekk li tingħata attenzjoni partikolari għall-vjolenza kontra l-minorenni**, b'koperazzjoni mill-qrib mal-Istitut Ewropew għall-Ugwaljanza bejn is-Sessi sabiex tinġabar data kumparabbli fl-UE kollha kemm hi dwar il-vjolenza kontra n-nisa;

Or. it

Emenda 64
Joanna Senyszyn

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

9. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu l-vjolenza sesswali fiż-żwieġ **bħala delitt u** biex l-istupru fiż-żwieġ isir offiża kriminali u biex ma jaċċettaw ebda referenza għal prattiki jew tradizzjonijiet kulturali bħala fattur mitiganti f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa, delitti għall-unur u mutilazzjoni ġenitali femminili;

Emenda

9. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu l-vjolenza sesswali, **b'mod partikolari l-istupru fiż-żwieġ u fir-relazzjonijiet intimi informali, bħala offiżi kriminali meta l-vittma ma tkunx tat il-kunsens tagħha, sabiex jiżguraw li delitti bħal dawn ikunu suġġetti għal prosekuzzjoni awtomatika**, u biex ma jaċċettaw ebda referenza għal prattiki jew tradizzjonijiet kulturali bħala fattur mitiganti f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa, **l-hekk imsejħa** delitti għall-unur u mutilazzjoni ġenitali femminili;

Or. pl

Emenda 65
Barbara Matera

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

9. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu l-vjolenza sesswali fiż-żwieġ

Emenda

imħassar

bħala delitt u biex l-istupru fiż-żwieġ isir offiża kriminali u biex ma jaċċettaw ebda referenza għal prattiki jew tradizzjonijiet kulturali bħala fattur mitiganti f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa, delitti għall-unur u mutilazzjoni ġenitali femminili;

Or. en

Emenda 66
Antonya Parvanova

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

9. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu l-vjolenza sesswali fiż-żwieġ bħala **delitt** u biex ma jaċċettaw ebda referenza għal prattiki **jew tradizzjonijiet** kulturali bħala fattur mitiganti f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa, delitti għall-unur u mutilazzjoni ġenitali femminili;

Emenda

9. Ihegġegħ lill-Istati Membri sabiex jirrikonoxxu l-vjolenza sesswali **li ssir kontra n-nisa** fiż-żwieġ **u dawk imwettqa minn membri maskili fil-familja** bħala offiżi kriminali **u sabiex ikun hemm penalizzazzjoni ta' dawn il-forom ta' vjolenza** u biex ma jaċċettaw ebda referenza għal prattiki kulturali, **tradizzjonali jew reliġjużi**, bħala fattur mitiganti f'każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa, delitti **hekk imsejħa** għall-unur, u mutilazzjoni ġenitali femminili

Or. en

Emenda 67
Raül Romeva i Rueda

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

9a. Jistieden lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri xierqa biex itemmu l-mutilazzjoni ġenitali femminili; jenfasizza li l-immigranti residenti fil-Komunità Ewropea għandhom ikunu konxji li l-

*mutilazzjoni ġenitali femminili
tikkostitwixxi theddida serja għas-saħħa
tan-nisa u hija ksur tad-drittijiet tal-
bniedem; jitlob lill-Istati Membri sabiex
japplikaw id-dipożizzjonijiet legali speċifiċi
fir-rigward tal-mutlazzjoni ġenitali
femminli, kif ukoll li jadottaw
dispożizzjonijiet bħal dawn u jieħdu passi
legali kontra kulmin iwettaq
mutilazzjonijiet ta' dan it-tip;*

Or. en

Emenda 68
Iratxe García Pérez

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

*9a. Jitlob li allegazzjoni ta' vjolenza
mwettqa kontra n-nisa, taħt il-forom
kollha tagħha, jitqiesu suffiċjenti biex tiġi
aċċettata talba għall-ażil imressqa minn
mara;*

Or. es

Emenda 69
Eva-Britt Svensson

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

*9a. Jitlob li l-Unjoni Ewropea
tiggarrantixxi d-dritt għall-għajnuna u
għal appoġġ lin-nisa kollha vittmi ta'
vjolenza maskili;*

Or. en

Emenda 70
Anna Záborská

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

Jenfasizza li l-mutilazzjoniji ġenitali, l-isteralizzazzjoni ta' bilfors u l-abort obligatorju jikkostitwixxu forom ta' vjolenza kontra n-nisa u li, meta wieħed jikkunsidra l-impenn tal-Unjoni Ewropea li taġixxi wkoll kontra din il-vjolenza fil-politika barranija tagħha, għandhom jiġu promossi miżuri effettivi f'dan il-kuntest sabiex jipprevjenu u jikkumbattu Prattiki bħal dawn;

Or. en

Emenda 71
Lívia Járóka

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri sabiex jinvestigaw mingħajr dewmien l-abbużi estremi kontra d-drittijiet tal-bniedem imwettqa kontra nisa Roma, li jiġi kkastigat min iwettaqhom u li jingħata kumpens xieraq lill-vittmi ta' sterilizzazzjoni sfurzata;

Or. en

Emenda 72
Barbara Matera

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

10a. Jinnota li ċerti Stati Membri implimentaw politiki sabiex jirrikonoxxu l-vjolenza sesswali fi ħdan koppja, b'mod partikulari l-vjolenza konjugali, bħala delitt; jitlob lill-Istati Membri sabiex janalizzaw ir-riżultati ta' dawn il-politiki sabiex jiffavorixxu l-iskambju ta' prattiki tajbin fil-livell Ewropew;

Or. it

Emenda 73
Barbara Matera

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Abbozz ta' proposta għal riżoluzzjoni

Emenda

11a. Jitlob li l-Istati Membri ma jaċċettaw ebda referenza għal kwalunkwe prattika kulturali jew tradizzjonali bħala ġustifikazzjoni ta' vjolenza mwettqa kontra n-nisa, ta' delitti għall-unur jew mutilazzjonijiet ġenitali;

Or. it